

Brussell, 11 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0238 (COD)

9723/18
ADD 2 REV 1

CODEC 959
PECHE 205

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana u s-sajd li jisfrutta daww l-istokkijiet, li jispeċifika d-dettalji tal-implimentazzjoni tal-obbligu ta' ħatt l-art fil-Baħar tat-Tramuntana u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 676/2007 u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1342/2008 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġislattiv - Dikjarazzjonijiet

Dikjarazzjoni mill-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Latvja u Spanja

Il-Belġju, id-Danimarka, Franza, il-Latvja u Spanja jqisu li l-mekkaniżmu propost għall-aġġornament tal-meded ta' FMSY huwa għodda ġdida li tista' tirrappreżenta titjib reali fil-ġestjoni tal-pjan pluriennali u l-flessibbiltà tiegħu. Madankollu, din l-għodda ġdida qajmet ukoll xi tħassib dwar ir-rispett tal-prerogattiva istituzzjonali ta' kull istituzzjoni. F'dan ir-rigward, il-Belġju, id-Danimarka, Franza u l-Latvja jitolbu evalwazzjoni interim annwali fil-Kunsill kull l-ewwel kwart tas-sena biex ikun ivvalutat jekk din l-għodda tiksibx daww l-oġġettivi u jekk għandhomx jitfittxu soluzzjonijiet intermedji.

Dikjarazzjoni mid-Danimarka

Id-Danimarka tilqa' l-proposta ta' kompromess finali għal pjan pluriennali għall-istokkijiet demersali fil-Baħar tat-Tramuntana fejn id-Danimarka għandha interess konsiderevoli.

Għandna pjaċir ninnutaw it-titjib sostanzjali li sar fil-proposta waqt in-negozjati: Dan it-titjib irriżulta fi proposta ta' kompromess finali li tiffoka fuq l-ispeċijiet rilevanti. Instabet soluzzjoni sabiex jittieħed kont tal-aħħar parir xjentifiku dwar il-meded ta' FMSY u l-punti ta' referenza, u l-kompromess jibqa' lura milli jinkludi miżuri ta' kontroll addizzjonali, u jinkludi referenza għall-ġestjoni tal-istokkijiet ta' interess komuni.

Matul in-negozjati dwar din il-proposta, id-Danimarka enfasizzat il-hteġa għal referenza konkreta għat-tħassib dwar aspettisoċjoekonomiċi. Għalkemm konna nippreferu tali referenza fl-artikoli, napprezzaw ir-referenza fil-premessi.

Madankollu, kwistjoni waħda tal-akbar importanza għad-Danimarka tibqa':

Huwa kruċjali li tkun permessa l-flessibbiltà neċessarja fir-regolament b'rabta mal-istabbiliment tat-TACs, b'mod partikolari biex ikun possibbli għall-istokkijiet li għalihom id-data hija limitata li jieħdu kont ta' żieda fi stokk u s-sajd ta' dan l-istokk. Dan biex jippermetti l-flessibbiltà kontinwa maqbula mill-Parlament Ewropew u l-Kunsill fil-pjan attwali fit-tul għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-Baħar tat-Tramuntana, Skagerrak u Kattegat (UE) 1342/2008, li ġiet applikata għaċ-ċirkostanzi speċifiċi fil-każ tal-bakkaljaw f'Kattegat. Id-Danimarka pproponiet dispożizzjoni f'konformità mal-pjan attwali fit-tul għall-istokkijiet tal-bakkaljaw fil-pjan pluriennali l-ġdid tal-Baħar tat-Tramuntana.

Peress li l-proposta ta' kompromess ma tinkludix referenza speċifika f'konformità mal-flessibbiltà fil-pjan dwar il-bakkaljaw, id-Danimarka ma tistax tappoġġa l-kompromess finali li għandu jiġi adottat mill-Kunsill.